MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1713/2001/1

**Cit Nru: 1713/01 JA.**

**Michael Buttigieg.**

**-vs-**

**Prim' Ministru Hon. Dr. Edward Fenech Adami u Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 t' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-attur ppremetta:

Illi l-attur kien membru fil-Korp tal-Puluzija sa mill-1992; fl-1998 kien inhatar surgent, u f' Ottubru ta' l-2000 kien intghazel biex jattendi kors bhala ufficjal kadett li jwassal ghal grad ta' spettur. Matul il-kors l-esponent lahaq ghamel diversi ezamijiet u ghadda minn kollha bi gradi gholjin.

Li l-impieg ta' l-attur bhala surgent (u ufficjal kadett), gie tterminat mill-konvenuti permezz ta' avviz mahrug mill-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija b' ittra datata 3 ta' Mejju 2001 u kkonsenjata bl-idejn lill-esponenti.

Illi l-attur qatt ma nghata ragunijiet mill-konvenuti ta' x' wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu, u konsegwentement lanqas qatt ma nghata opportunita' li jwiegeb ghal xi allegazzjonijiet jew akkuzi li seta' kien hemm, jekk kien hemm, fil-konfront tieghu.

Illi minkejja li l-konvenut fl-avviz taghhom hawn fuq imsemmi ghamlu referenza ghal artikolu 11 (iii) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess dispozizzjoni tal-Ligi ma' gietx imharsa mill-konvenuti stante li fl-ewwel lok jidher li giet skartata d-disposizzjoni tal-artikolu 11 (ii) tal-istess Kapitolu li tassattivament ghandha tittiehed in konsiderazzjoni meta jigi applikat l-artikolu 11 (iii) tal-Kap 164 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok jidher li l-konvenuti ma' osservawx dak stipulat bhala procedura li ghandha tintuza ghat-tnehhija mill-kariga ta' ufficjal hekk kif stipulat fl-artikolu 35 tal-Avviz Legali 186 ta' l-1999 dwar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proceduri ta' Dixxiplina);

Illi permezz ta' dan l-eghmil amministrattiv l-konvenuti kisru Kostituzzjoni u kif ukoll naqsu li josservaw l-principji tal-gustizzja naturali u thigiejiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv in kwistjoni;

Illi l-eghmil amministrattiv li mwettaq mill-konvenuti jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita tal-konvenuti billi l-istess eghmil sar ghal ghanijiet mhux xieraq u kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti;

Li bhala konsegwenza ta' dan l-agir l-attur sofra danni konsistenti f' telf ta' qliegħu u danni ohra kif jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuti minkejja li nterpellati sabiex jirregolarizzaw l-eghmil taghhom baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara null, invalidu u minghajr effett l-eghmil tal-konvenuti u dana meta l-istess nehhew lill-(sic)konvenut minn membru tal-Korp tal-Puluzija permezz ta' avviz datat 3 ta' Mejju 2001 u dana ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna illi konsegwentement, l-konvenut jerga' jigi ordnat lura bhala membru tal-Korp tal-Puluzija u dana fl-istess grad u kapacita minnu okkupata qabel it-3 ta' Mejju 2001.

3. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kawzati lill-attur minhabba l-agir taghhom illegali fuq premess, liema danni jigu likwidati f' gudizzju separat.

Bl-ispejjez u b' hekk minn issa l-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Onor. Prim' Ministru u tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fid-19 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni ta' l-attur hija inammissibbli u improponibbli in kwantu hija bazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kap 12.

Illi l-istess artikolu fit-tieni subinciz tieghu, fid-definizzjoni li jaghti ta' x' inhu "eghmil amministrattiv", jipprovdi tassattivament li ma "jinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita". Illi r-relazzjoni ta' impjieg ta' ufficjal pubbliku mal-Gvern hija kwistjoni ta' amministrazzjoni nterna.

2. Illi subordnatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti l-artikolu 469A tal-Kap 12 jipprovdi *inter alia* fis-subartikolu (6) li ghall-finijiet **ta' dan l-artikolu**, u ta' kull disposizzjoni ohra **ta' din il-ligi** u **ta' kull ligi ohra** (enfasi mizjuda), servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b' disposizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih.

Li jfisser li l-istess disposizzjonijiet precedenti ghas-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 469 A mhumiex applikabbli fir-relazzjoni ta' impjieg bejn il-Gvern u l-impjegati tieghu ghaliex hemm ligijiet oha li jirregolaw tali relazzjoni.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni t-terminazzjoni ta' impjiegi fis-Servizz Pubbliku hi fdata f' idejn l-eccipjent Onor Prim Ministru

li, izda, jagixxi fuq **ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**, kif gara f' dan il-kaz. Pero' l-Artikolu 115 ta' l-istess Kostituzzjoni jipprovdi li l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni tkunx qdiet

validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni "m'ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti".

4. Illi subodinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-attur qed jaghti interpretazzjoni skorretta lill-artikolu 11 tal-Kap 164 in kwantu s-subartikolu (iii) huwa indipendenti u *a se stante* mill-artikolu li jipprecedieh. Huwa inkoncepibbli li l-Gvern ma jkollux diskrezzjoni inehhi ufficjali fil-Korp tal-Puluzija fl-interess pubbliku jekk mhux fil-kaz, skond it-tezi ta' l-attur, li dan l-ufficjal ikun mentalment jew fizikament marid.

5. Illi inoltre l-artikolu (recte regolament) 35 ta' l-Avviz Legali 186/1999 mhux applikabbli fil-kaz ta' l-attur billi l-Kap 164 huwa ligi specjali applikabbli b' mod specifiku ghall-ufficjali tal-pulizija u ghalhekk tregi l-massima *lex specialis derogat generalis*. Di piu, fil-erarkija tal-liijiet, Ordinanza hija superjuri ghal-legislazzjoni sussidjarja.

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti la kisru l-Kostituzzjoni u lanqas naqsu milli josserva il-principji tal-gustizzja naturali billi fit-tkeccija ta' l-attur mill-impjieg tieghu huma agixxew skond il-ligi u fl-interess pubbliku. L-attur huwa konsapevoli ghaliex tkecca mill-impjieg tieghu. Ghalhekk l-eccipjenti m' abbuzaw bl-ebda mod mis-setgha taghhom u agixxew skond id-dritt.

7. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, kontra dak li hemm dispost fl-artikolu 156 (4) tal-Kap 12, l-attur naqas li jiddikjara dwar kull xhud x' fatti u xi prova behsiebu jaghmel bix-xhieda taghhom.

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti din il-Qorti m' ghandiex gurisdizzjoni li tordna li l-attur jerga' jigi riintegrat fil-
kariga li kellu qabel, la taht l-artikolu 469A, li kif sueccepit m' ghandux applikazzjoni fil-fattispeci ta' din il-kawza, u lanqas taht xi ligi ohra. Illi l-Qorti ma' tistax taghti rimedju li mhux provdut fil-ligi ghaliex la ghandha funzjoni ta' agenzija ta' l-impjieg u lanqas tista', in osservanza tal-principju kostituzzjonali tas-separazzjoni tal-poteri, tuzurpa l-funzjoni ta' l-ezekuttiv u tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, kif qed tigi mistiedna tahmel mill-attur.

9. Illi l-eccipjenti ma kkawzaw l-ebda dannu lill-attur u t-talbiet kollha tiehu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti dwar il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti

Rat in noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi din il-Qorti

ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddecidi dwar it-talba attrici ghaliex il-kwistjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur ma tinkwadrax ruhha fid-definizzjoni ta' att amminstrattiv ai termini tal-artiklu 469 A tal-Kapitolu 12. Fil-verita' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti huma f' dan is-sens anke jekk fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2002 jihder li l-partijiet kellhom intenzjoni li jittrattaw l-ewwel tlett eccezzjonijiet. Jidher li n-noti tal-partijiet ikkoncentraw pero fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet u kwindi din il-Qorti se tippronunzja sentenza dwarhom biss u thalli trattazzjoni tat-tielet eccezzjoni fi stadju ulterjuri.

Illi qabel jigi deciz dan il-punt wiehed irid jara x' kien li ta' lok ghall kawza u x' qed jitolbu l-atturi. Naturalment f' dan l-istadju wiehed ikollu jistrieh fuq l-atti tal-kawza.

L-attur kien spettur fil-Korp tal-Pulizija u gie informat permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2001 li l-impjieg tieghu kien gie terminat.

Il-konvenuti isostnu li din il-lanjanza ma taqax taht il-provvedimenti tal-artiklu 469 A ghaliex ma taqx fid-definizzjoni ta' eghmil amministrattiv skond l-istess artikolu. Isostnu ukoll li l-Qrati ma ghandhomx ukoll gurisdizzjoni a bazi tas-subartikolu 6 tal-istess artikolu, illi jghid li servizz mal-Gvern hu rapport specjali reogltat b' disposizzjoni specifikament applikabbli ghalih.

Il-partijiet ippresentaw noti tal-osservazzjonijiet dettaljati u elenkaw numru ta' sentenzi a sostenn tat-tezi taghhom. Ghandhu mill-ewwel jinghad li z-zewg partijiet inkludew fin-noti taghhom allegazzjonijiet li mhux biss ghadu ma sar ebda prova dwarhom izda lanqas huma certament rilevanti ghall trattazjonijiet dwar dawn l-eccezzjonijiet preliminari.

Meta wiehed jesamina c-citazzjoni infatti, wiehed mill-ewwel jinduna li l-attur qed jitlobu dikjarazzjoni illi l-avviz li inghata lilu u li kien jinkludi fih it-teminazzjoni tal-impjieg tieghu jigi dikjarat null u bla effett. Il-Qorti thoss illi certament il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni li jissindikaw talba simili sakemm dan jinkwadra fl-artiklu 469 A u dan qed jinghad ghaliex l-attur ghamilha cara li qed javvanza din il-pretensjoni a tenur ta' dan l-artiklu (meta effettivament ebda attur ma ghandhu ghalfejn jindika l-artiklu tal-ligi li qed jinvoka fil-kawza li javvanza). Dan ghaliex l-attur qed isostni li l-konvenuti ma kellhom ebda dritt jiehdu l-pass li ha u dan kwindi jista jkun jfisser jew abbuz
ta' setgha fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti jew l-att amminstrattiv in kwistjoni b' xi mod imur kontra l-ligi. Naturalment f' dan l-istadju wiehed qed jitkellem dejjem fuq allegazzjonijiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni ghaliex kollox irid jigi sostnut bil-provi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti thoss li d-definizzjoni ta' eghmil amministrattiv fl-istess artiklu mhijiex esklussiva kif qed jimplika l-konvenut izda pjuttost inklussiva u teskludi biss "*xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita"* (pubblika); ma hix il-fehma tal-Qorti li din l-ahhar parti tinkludi terminazzjoni ta' impjieg u jidher car li l-mens legis kien li jeskludi azzjonijiet dwar *transfers* fis-servizz pubbliku jew allokazzjoni ta' impjegati fl-istess servizz.

Kwantu ghall eccezzjoni li l-impjieg mal-Gvern hu rapport specjali regolat b' disposizzjonijiet specjali specifikament applikabbli ghalik u hu regolat b' kondizzjonijiet stabbiliti minn
zmien ghal zmien mill-Gvern is-subartikolu in kwistjoni (6 tal-artiklu 469A) ma hux intiz li jeskludi gurisdizzjoni tal-Qrati izda jindika li fir-rigward ta' dawn l-impjegati ma japplikawx ir-regoli ezistenti ghar-relazzjonijiet bejn impjegat u min jimpjegah izda appuntu regoli specjali li l-

Qrati iridu jiehdu konjizzjoni taghhom meta jiddecidu kwistjonijiet simili.

Il-partijiet kif gia inghad indikaw numru ta’ sentenzi u fil-fehma tal-Qorti l-iktar sentenzi applikabbli ghal kaz odjern huma dawk decizi fis-17 ta’ Frar 2000 fl-ismijiet Caruana vs Kummissarju tal-Pulizija u Apap vs Kummissarju tal-Pulizija li ghadhom pendenti fir-rigward tal-mertu.

Fil-fehma tal-Qorti ikun zball kbir li il-Qrati jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jissindikaw decizjoni amministrattiva, haga li lanqas ghamluha meta iddecidew kawzi fil-konfront tal-Gvern kolonjali li kien f’ dak iz-zmien Gvern tal-iktar pajjiz f’sahhtu
fid-dinja. Kieku jaghmlu hekk l-amministrazzjonijiet varji ikollhom mano libera illi jiehdu decizjonijiet arbitrarji fil-konfront tac-cittadini li ghandhom ikollhom dejjem u f’ kull hin il-protezzjoni tal-Qrati taghhom.

Kif inghad tajjeb minn Lord Mac Demott fil-lettura tieghu Protection from Power under English Law (Stevens and Sons Limited 1967), citata fil-kawza Lowell vs Caruana (14 ta’ Awwisu 1972 deciza mill-Imhallef Caruana Curran);

*I pass now to the executive and the control of its powers. Here we come back to the protection of the law, for the executive is not above the law and what it does must be done in the due exercise of the powers conferred by law upon it. Parliament can make the law favour the executive and apart from what Parliament has enacted the Crown … has certain rights under the law which are not shared by ordinary people. But whatever the law is, the executive must remain subject to it and the ordinary courts that administer it. Where the Courts cannot*
*intervene it is because of the law and not because of the executive is out of their reach. Broadly speaking the courts will investigate and give relief in respect f acts of the executive which are shown to be bad in law or to have been done without or in excess of authority….*

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qed tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tiddecidi li l-kawza tkompli fuq il-mertu.  L-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------